**286. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi:**

Billi b'Riżoluzzjoni 203 tas-Seduta Nru. 310 tas-7 ta' Awissu, 1979, il-Kamra tad-Deputati approvat għotja b'kiri ta' Huts lil nies tas-Sengħa, f'Ħal-Luqa.

U billi b'Riżoluzzjoni 215 tas-Seduta Nru. 319 tat-30 ta' Ottubru1979, il-Kamra tad-Deputati ġeddet l-imsemmija Riżoluzzjoni sas-7 ta' Novembru, 1980.

U billi skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati mgħoddija għal finijiet tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal-artikolu fuq imsemmi, tibqa' sseħħ għal żmien tliet xhur mid-data li tgħaddi, iżda tista' tiġġedded b'riżoluzzjoni oħra li ssir wara, għall-perijodu ieħor ta' tliet xhur jew għal dak il-perijodu l-ieħor li jista' jiġi speċifikat.

Għalhekk huwa b'dan riżolut li r-riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati fuq imsemmija tas-7 ta' Awissu, 1979, terġa' tiġġedded sas-7 ta'Novembru, 1981.

30.10.1980